**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 6 ta' Ottubru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 193/2019 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B C**

**vs**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:[1]

1. *Illi l-kontendenti kienu zzewgu fid-9 ta' April 1998 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal u cioe E, F u G illi huma t-tlieta maggorenni u indipendenti;*

2. *Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irremedjabilment tant ili fid-19 ta' April*

[1] Fol. 1.

*2002 l-attur ipprezenta kawza b'talba ghal separazzjoni (kawza numru 461/02 RCP fl-ismijiet "A C vs D C");*

3. *Illi b'sentenza mghotija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Frar 2005 fl-imsemmija kawza numru 461/02 RCP fl-ismijiet "A C vs D C", (kopja nformi tas-sentenza hawn annessa bhala Dok. A), l-istess Qorti ppronunzjat is-separazzjoni bejn il-partijiet u, fost hwejjeg ohra, ordnat lill-attur ihallas bhala manteniment lill-konvenuta s-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80) (illum €186.35c) fix-xahar ghall-bzonnijiet tal-konvenuta u s-somma ta' mija u sebghin lira Maltin (Lm170) (illum €395.99c) ghall-htigijiet tal-imsemmija tfal tal-kontendenti illi allura kienu minuri, oltre nofs l-ispejjez edukattivi tat-tfal, inkluz school fees u trasport tal-iskola jekk ikun il-kaz u kif ukoll spejjez relatati mas-sahha tal-minuri inkluzi medicinali;*

4. *Illi fl-istess sentenza l-Qorti ordnat ukoll illi l-manteniment tal-mara m'ghandux jieqaf kemm-il darba hi tahdem part-time jew full-time waqt li l-manteniment ta' l-ulied jieqaf malli jaghlqu tmintax-il sena jew jimpjegaw ruhhom full-time.*

5. *Illi t-tfal tal-kontendenti huma llum indipendenti kif inghid;*

6. *Illi l-attur kien impjegat mad-ditta Motors Inc. Limited bi dhul annwali ta' circa €16,000 netti, oltre bonuses statwarji;*

7. *Illi l-attur irtira mill-impjieg minhabba l-eta tieghu u. b'effett mill-5 ta' April 2019, id-dhul tieghu jikkonsisti biss f'pensjoni ta' mitejn u disgha u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€249.87), kull gimgha, allura €12,993 fis-sena, oltre bonuses statwarji;*

8. *Illi minhabba dan it-tnaqqis fid-dhul ossija l-mezzi tieghu fil-5 ta' April 2019, l-attur beda procedure ta' medjazzjoni (numru 455/19) biex il-manteniment imhallas minnu jieqaf jew jigi rivedut;*

9. *Illi wkoll il-mezzital-konvenuta tjiebu u l-bzonnijiet taghha ckienu;*

10. *Illi wkoll ma sehh ebda ftehim mal-konvenuta fuq daqshekk u l-proceduri ta' medjazzjoni gew maghluqa b'digriet tal-14 ta' Gunju 2019 (Dok. B) u l-*

*partijiet gew awtorizzati jipproċedu b'kawza.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna u tiddikjara illi ghaliex wara s-sentenza fuq imsemmija mghotija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Frar 2005 fl-imsemmija kawza numru 461/02RCP fl-ismijiet "A C vs D C" ghaliex kien hemm tibdil fil-mezzi tal-attur, illi huwa responsabbli ghall-manteniment u tibdil fil-bzonnijiet tal-konvenuta hemm lok illi l-manteniment ordnat fl-istess sentenza jnbidel jew jitwaqqaf, kif tara xieraq il-Qorti;*

2. *Tordna illi b'effett mill-5 ta' April 2019, jew data ohra anterjuri illi tigi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti skont il-provi mismugha, il-manteniment illi ghandu jithallas mill-attur lill-konvenuta skont l-imsemmija sentenza jieqaf ghal kollox jew jinbidel, skont kif tara l-Qorti, f'somma anqas pagabbli mill-istess attur lill-konvenuta;*

3. *Tordna u tiddikjara b'riferenza ghad-data stabilita minnha skont kif mitluba fit-talba precedenti, b'riferenza ghas-somma mhallsa mill-attur lill-konvenuta bhala manteniment minn dik id-data u okkorendo ukoll b'riferenza ghas-somma ta' manteniment illi, ukoll skont it-talba precedenti ghandha tithallas bhala manteniment mill-attur, is-somma mhallsa zejda mill-attur lill-konvenuta bhala manteniment ghandha tithallas lura u tintradd mill-konvenuta lill-attur, liema somma tigi likwidata jekk mehtieg, b'gudizzju iehor;*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni hawn fuq imsemmija, kontra l-konvenuta illi tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta,[2] fejn ġie eċċepit:

*Fatti*

1. *Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' sentenza fl-ismijiet A C vs D C*

[2] Fol. 44.

*(461/02 RCP) nhar l-24 ta' Frar 2005 "bi htija mputabbli principalment lill-attur u dan peress li l-istess attur kien hati verso l-konvenuta ta' eccessi, sevizzi, inkluz swat u ngurji gravi li kawza ta' l-istess irrenda l-hajja ta' bejn il-partijiet impossibbli".*

2. *Illi fis-sentenza hawn fuq imsemmija ordnat lill-attur jissoministra bhala manteniment is-somma ta' tmenin lira Maltija fix-xahar lill-esponenti u li dan il-manteniment m'ghandux jieqaf kemm-il darba hi tahdem part-time jew full-time.*

3. *Illi l-attur ma appellax minn din il-kawza u b'hekk ghaddiet in gudikat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti.*

4. *Illi minkejja li konsiderazzjoni irrelevanti, jinghand illi, in ogni caso, mhuwiex minnu li l-mezzi tal-esponenti kibru; l-esponenti ricentament tilfet xogholha ma CSB Group izda sabet xoghol ghand I Dental Clinic b'dana illi l-paga taghha huwa inqas milli kien ghand CSB Group;*

5. *Illi l-esponenti taf illi fiz-zmien meta l-attur jallega illi huwa kien dizokupat huwa kien qieghed jahdem ma Percius Car Hire Limited.*

*Eccezzjonijiet*

1. *Illi fl-ewwel lok ir-rikorrent ghandu jgharraf fuq liema artiklu huwa qieghed isejjes il-kawza tieghu;*

2. *Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba tar-rikorrent jinghad illi l-allegat bidla fil-mezzi tal-attur huwa ta' circa €3,000 fis-sena u illi dan ma tpoggix lir-rikorrent fl-impossibilita' oggettiva illi jonora l-obbligi tieghu imposti mis-sentenza fl-ismijiet A C vs D C (461/02 RCP) tal24 ta' Frar 2005;*

3. *Illi fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrent jinghad illi minkejja illi huwa allegatament hareg bil-pensjoni fil-5 ta' April 2019, l-esponenti taf, u sejra tipprova matul it-trattazzjoni tal-kawza, illi l-attur zewgha kien impjegat mas-socjeta Percius Car Hire Limited;*

4. *Illi fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrent jigi rilevat illi, apparti dak illi*

*nghad fil-paragrafu precedent, r-rikorrent huwa legalment prekluz illi jitlob ir-rifuzjoni ta' manteniment mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*5. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat id-digriet tal-14 ta' Ġunju 2019 fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti fil-liġi;[3]

Rat kopja tas-sentenza ta' separazzjoni fl-ismijiet premessi bin-numru 461/02 RCP, deċiża nhar l-24 ta' Frar 2005,[4] liema sentenza ma ġietx appellata;

Rat it-trattazzjoni tal-partijiet;[5]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[6]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-partijiet kienu miżżewġin lil xulxin u kellhom tlett (3) itfal, iżda tali relazzjoni sfaxxat u konsegwentament sseparaw minn xulxin permezz ta' sentenza ġudizzjarja mogħtija minn din il-Qorti iżda diversamet preseduta nhar l-24 ta' Frar 2005. Rigward il-manteniment, is-sentenza tgħid:

*"Illi jinghad li ghalkemm il-mara kkontribwiet ghall-falliment taz-zwieg, dan kien biss in linja sussidjarja, u ghalhekk ghandha jzomm id-dritt taghha li tigi mantnuta mill-attur. Apparti dan hija qatt ma hadmet u mhux daqshekk facli fic-*

[3] Fol. 34.
[4] Fol. 6.
[5] Fol. 179.
[6] Fol. 178.

*cirkostanzi taghha li ssib xoghol, u ghalhekk l-attur A ghandu jikkontribwixxi kemm ghall-manteniment taghha kif ukoll ghal dak ta' wliedu.*

*Illi permezz tad-digriet tas-Sekond'Awla Nru 192/01 lattrici nghatat s-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80) bhala manteniment ghaliha u mija u sebghin lira Maltija (Lm170) ghall-minuri pagabbli kull xahar. Dan apparti li lkonvenut kien gie kkundannat ihallas il-kontijet kollha indikati fl-istess Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 10 ta' April 2001, haga li jidher car li l-istess attur baqa' ma ghamilx.*

*Illi din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi dan id-digriet ghandu jigi kkonfermat. Barra minn hekk l-attur ghandu jhallas bin-nofs l-ispejjez edukattivi tat-tfal inkluz school fees u trasport ta' l-iskola jekk ikun il-kaz, kif ukoll spejjez li huma relatati mas-sahha tal-minuri nkluzi medicinali. Icchildren's allowance ghandha tigi percepita mill-konvenuta.*

*Illi l-manteniment tal-mara m'ghandux jieqaf kemm-il darba hi tahdem part-time jew full-time. Il-manteniment ta' l-ulied jieqaf malli jaghlqu t-tmintax il-sena jew jimpjegaw ruhhom full-time".*

Issa permezz tar-rikors odjern intavolat minn A C nhar id-9 ta' Awwissu 2019, l-attur jisħaq illi fi-żmien meta ssepara minn martu huwa kien jaħdem ma' Motors Inc. Limited fejn kellu dħul annwali ta' madwar €16,000 netti. Jgħid li huwa mill-5 ta' April 2019 huwa rtira mill-impjeg li kellu stante leħaq l-eta' tal-irtirar, u minn dakinhar id-dħul tiegħu beda jikkonsisti biss f'pensjoni ta' €249.87 kull ġimgħa, u ċjoe' dħul annwali ta' madwar €12,993 netti. Għalhekk minħabba dan it-tibdil fil-mezzi finanzjarji tiegħu, huwa qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tordna u tiddikjara tibdil jew twaqqif fil-manteniment kif ordnat fis-sentenza surreferita u dan minħabba tibdil fil-mezzi finanzjarji tal-attur innifsu;

(ii) Tordna li l-manteniment kif mibdul jew mwaqqaf permezz ta' din is-sentenza jieħu effett mill-5 ta' April 2019 jew data oħra kif stabbilita minn din il-Qorti;

(iii) Tordna u tiddikjara li s-somma mħalsa żejda mid-data stabbilita li fiha l-

manteniment kellu jieqaf jew mibdul, għandha titħallas lura mill-konvenuta lill-attur.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta toġġezzjona li jkun hemm varjazzjoni fil-manteniment kif stipulat fis-sentenza ġudizzjarja stante li ma jeżistux ċirkostanzi għaliex dan għandu jsir.

## 2. Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mresqa Minnu:

Permezz tal-affidavit tiegħu,[7] l-attur jiddikjara illi huwa u l-konvenuta żżewġu nhar d-9 ta' April 1989, minn liema żwieġ twieldu tlett (3) itfal u ċjoe' E, F u G li huma fil-preżent kollha maġġorenni u indipendenti. Jingħad illi ż-żwieġ tkisser fid-19 ta' April 2002, tant li huwa stess kien ipproċeda b'azzjoni legali kontra martu bin-numru 461/02 RCP fl-ismijiet A C vs D C. Tali azzjoni ġiet deċiża nhar l-24 ta' Frar 2005 fejn il-Qorti ppronunzjat il-firda personali ta' bejn il-partijiet billi attribwiet il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ b'mod konġunt, u *inter alia* ordnat lill-attur sabiex iħallas bħala manteniment lil martu s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80 - ekwivalenti għal €186.35c) fix-xahar, liema manteniment ma kellux jieqaf kemm-il darba l-konvenuta taħdem fuq bażi *part-time* jew *full-time*. Ġie ordnat ukoll fl-istess sentenza illi l-konvenut iħallas bħala manteniment is-somma ta' mija u sebgħin lira Maltin (Lm170 – ekwivalenti €395.99c) għal ħtiġjiet tat-tfal oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, stante li dak iż-żmien kienu għadhom minuri, liema manteniment kellu jieqaf eta jagħlqu tmintax-il (18) sena jew meta jimpjegaw rwieħhom fuq bażi *full-time*.

L-attur ikompli jispjega illi dak iż-żmien meta ngħatat is-sentenza surreferita huwa kien ingaġġjat ma' Motors Inc. Company Limited bi dħul annwali ta' madwar €16,000 netti, oltre *bonuses* statwarji. Madanakollu l-attur irtira minn tali xogħol mal-eta' tal-irtirar nhar il-5 ta' April 2019, fejn id-dħul tiegħu kien konsegwentament jikkonsisti f'pensjoni ta' mitejn u disgħa u erbgħin Ewro u ebgħa u tmenin ċenteżimu (€249.87) kull ġimgħa, u ċjoe' introjtu ta' €12,993 netti fis-sena, oltre *bonuses* statwarji. Huwa jisħaq illi huwa għadu jħallas il-*loan* fuq id-dar fejn qed jirrisjedi li ġiet mixtrija proprju wara li ssepara, u fadallu madwar tlett (3) snin oħra biex il-*loan* titħallas kollha. Jagħti ukoll rendikont tal-ispejjeż ta' kuljum u jiddikjara li *"qiegħed insibha diffiċli biex nasal sal-aħħar tax-xahar.*

---

[7] Fol. 49.

*Qiegħed fi stat li ma nistgħax naffordja vaganza".*[8] L-ispejjeż mensili elenkati fl-affidavit huma s-segwenti: (i) *home loan* ta' €197.84, (ii) manteniment tal-mara ta' €186.35, (iii) telefon u televiżjoni għal €60, (iv) dawl u ilma għal €44, (v) kirja tal-garaxx fis-somma ta' €83.33, (vi) assigurazzjoni tal-*house loan* għal €23.45, (vii) assigurazzjoni u liċenzja tal-karozza għal €45.85, (viii) spejjeż tal-karozza inkluż il-*fuel* għal €60, (ix) ikel għal €300, (x) manteniment tad-dar €30, liema spejjeż flimkien jammontaw għal €1,030.82. Min-naħa l-oħra, l-attur jispjega li l-mezzi finanzjarji ta' martu tjiebu filwaqt li l-bżonnijiet tagħha kienu inqas stante li bdiet taħdem u żżomm l-istudenti matul is-sena. Jgħid li martu qegħda taħdem ma' I Dental and Medical Clinic u sa fejn jaf hu ma għandha l-ebda self mal-bank.

Finalment, l-attur jgħid illi stante tnaqqis fid-dħul fil-mezzi tiegħu, huwa pproċeda bil-medjazzjoni sabiex il-manteniment imħallas jieqaf jew jiġi rivedut. In vista li ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet, huwa pproċeda b'azzjoni legali. Jikkonferma illi nelfrattemp huwa kien qiegħed jaħdem ftit ma' Percius bħala xuffier nhar ta' Sibt għal tiġijiet, iżda fil-preżent ma għadux jagħmel dan ix-xogħol.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur ressaq is-segwenti provi:

a. <u>*Ix-xhieda in subizzjoni ta' D C*</u>,[9] fejn ikkonfermat illi d-dħul tagħha mix-xogħol ma' I Dental Clinic fix-xahar huwa ta' €1,100 netti, pero' tgħid li ma għandhex *overtime, allowances*, u affarijiet simili. Tispjega ukoll li fil-preżet lanqas ma għandha xogħol *part-time* jew xi attivita' ekonomika ulterjuri li minnha tiġġenera introjtu ieħor. Tiċċara li fil-preżent ma' żżomx studenti magħha, u l-aħħar li kellha student magħha kien f'Novembru 2019. Pero' jingħad illi fil-passat, ix-xogħol tagħha kien ta' *baby-sitting* ma' Fenech and Fenech bħala impjegata u ma' Little Elephants fejn kienet *self-employed*. Tispjega li fil-preżent għandha tlett (3) impenji finanzjarji, u ċjoe': (i) is-somma ta' €163 fix-xahar għal *car loan* fuq vettura tat-tip Mazda 2 li xtratha versu l-prezz ta' €11,500, (ii) pagament ta' €67 fix-xahar għal kamra tas-sodda ma' Atrium, u (iii) pagament ta' €50 fix-xahar lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali bħala *overpayment* li kien ingħata lilha. Rigward safar, il-konvenuta tgħid illi titla' ħdejn binha darba fis-sena ġewwa Londra. Finalment u rigward wirt, il-konvenuta tgħid illi għal ħabta ta' 2015/2016

[8] Fol. 50.
[9] Fol. 56.

kienet wirtet madwar €3,000/€4,000, liema flus ġew minfuqa fid-dar residenzjali tagħha u kif ukoll bħala rigal għaż-żwieġ ta' bintha;

In ottemporanza ma' dak dikjarat mill-konvenuta fix-xhieda tagħha, permezz ta' nota datata 10 ta' Diċembru 2020 eżebiet:[10] (i) *payslips* għas-sena 2016, għajr ta' Awwissu, meta kienet taħdem ma' Little Elephants Child Minding Service,[11] (ii) *Form TA22* rigward xogħol *part-time* għal rasek, fejn jingħata rendikont tas-sena 2019,[12] (iii) konferma tad-dħul għas-sena 2019 minn English Language Academy,[13] (iv) konferma tad-dħul għas-sena 2019 minn Eurocentres Language and Educational Centres,[14] (v) Konferma tad-dħul għas-sena 2019 minn AM Language Studio,[15] (vi) *Form RA6* sabiex jiġi determinat il-profitt iġġenerat min-negozju ta' *student hosting*, liema assessjar sar fl-2020 għas-sena 2019,[16] (vii) FS3 għas-sena bażi 2019,[17] (viii) *payslips* mit-30 ta' Settembru sa 31 ta' Ottubru 2020 maħruġa minn I Dental Clinic;[18]

F'xhieda ulterjuri,[19] il-konvenuta tikkonferma li d-dokumenti eżebiti minnha huma kopja tal-oriġinal. Ikkjarifikat illi fir-rigward tal-wirt, mhux hi kienet il-werrieta iżda ommha, fejn din tal-aħħar kienet tat xi ħaga tal-flus lilha.

b. *__Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali,__*[20] li jikkonferma l-benefiċċju li pperċepixxiet il-konvenuta, kif ukoll tal-attur. Għal tali fini eżebixxa żewġ dokumenti, u ċjoe': (i) dokument fir-rigward tal-konvenuta li jistabbilixxi illi bejn l-2015 u l-2020 pperċepixxiet €9 bħala *sickness benefit*,[21] u (ii) dokument fir-rigward tal-attur li jistabbilixxi illi bejn l-2015 u l-2020 pperċepixxa minn: (a) €11.05 bħala *sickness benefit* fl-2016, (b) €101.59 bħala *sickness benefit* fl-2018, (ċ)

---

[10] Fol. 87.
[11] Fol. 88 – 98, fejn fix-xahar ta' Jannar 2016 kellha dħul nett ta' €549, fix-xahar ta' Frar 2016 kellha dħul nett ta' €534, fix-xahar ta Marzu 2016 kellha dħul nett ta' €571.13, fix-xahar ta' April 2016 kellha dħul nett ta' €693.75, fix-xahar ta' Mejju 2016 kellha dħul nett ta' €624.38, fix-xahar ta' Ġunju 2016 kellha dħul nett ta' €446.25, fix-xahar ta' Lulju 2016 kellha dħul nett ta' €300.38, fix-xahar ta' Settembru 2016 kellha dħul nett ta' €124.88, fix-xahar ta' Ottubru 2016 kellha dħul nett ta' €552.53, fix-xahar ta' Novembru 2016 kellha dħul nett ta' €355.50, fix-xahar ta' Diċembru 2016 kellha dħul nett ta' €389.25.
[12] Fol. 99, fejn ġie ddikjarat li l-konvenuta kellha negozju ta' *hosting families*, u fis-sena 2019 kellha profit ta' €1570 u kellha taxxa ta' €236.
[13] Fol. 100, fejn il-konvenuta kellha introjtu gross ta' €1,308.
[14] Fol. 101, fejn il-konvenuta kellha introjtu ta' €3,852.55.
[15] Fol. 102, fejn il-konvenuta kellha introjtu ta' €2,827.
[16] Fol. 103, fejn ġie ddikjarat li l-introjtu gross kien ta' €7,987, u n-nett profit kien ta' €1,570.
[17] Fol. 104, fejn ġie ddikjarat li l-introjtu gross kien ta' €4,504.
[18] Fol. 105 – 119.
[19] Fol. 120.
[20] Fol. 62.
[21] Fol. 121.

€9,311.12 bħala pensjoni taż-żewġ terzi, €32.47 bħala bonus tal-għoli tal-ħajja, €125.24 *special weekly bonus*, €200.04 bħala *6 month bonus* fl-2019 li jġib it-total ta' €9,680.31, u (d) €13,302.76 bħala pensjoni taż-żewġ terzi, €101.46 bħala bonus tal-għoli tal-ħajja, €162.24 *special weekly bonus*, €270.20 bħala *6 month bonus* fl-2020 li jġib it-total ta' €13,836.66;[22]

F'xhieda ulterjuri,[23] ix-xhud ippreżenta dokument li jistabbilixxi x'ipperċepiet il-konvenuta fl-aħħar ħmistax-il (15) sena.[24] Barra minn hekk iddikjara illi l-konvenuta għandha *overpayment* ta' €5,729.52, minn liema somma fadal bilanċ ta' €4,839.12 stante li tħallas madwar €15 fix-xahar iżda l-ħlas ma kienx qed isir kull xahar b'mod kostanti.[25]

c. *Affidavit ta' Dr H I bħala l-employer ta' D C, debitament maħluf nhar is-7 ta' Diċembru 2020 u ppreżentatat nhar l-10 ta' Diċembru 2020*,[26] fejn iddikjara li l-konvenuta bdiet taħdem ma' I Dental Clinic bħala *receptionist* fuq bażi *part-time* nhar it-2 ta' Settembru 2019, u konsegwentament fuq bażi *full-time* mit-22 ta' Novembru 2019. Jingħad illi s-salarju gross annwali tal-konvenuta huwa ta' €16,495. Għal tali fini, Dr I annetta mal-affidavit tiegħu: (i) kopja tal-kuntratt ta' impjieg datat 2 ta' Settembru 2019,[27] u (ii) kopja tal-FS3 tal-konvenuta għas-sena li għalqet 2019,[28] u (iii) *payslips* għal Settembru 2019 fejn id-dħul nett kien dak ta' €420.40,[29] għal Ottubru 2019 fejn id-dħul nett kien dak ta' €964.11,[30] għal Novembru 2019 fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,389.02,[31] għal Diċembru 2019 fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,081.68,[32] għal Jannar 2020 fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,138.22,[33] għal Frar 2020 fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,138.22,[34] għal Marzu 2020 fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,170.60,[35] għal April 2020 fejn id-dħul nett kien dak ta' €618.55,[36] għal Mejju 2020 fejn id-dħul nett kien dak ta'

---

[22] Fol. 122.
[23] Fol. 124.
[24] Fol. 125, mill-2006 sal-2012 kienet tipperċepixxi minn Għajnuna Soċjali u *Children Allowance*, filwaqt li fl-2014 u l-2016 ħadet xi *Sickness Benefit*.
[25] Fol. 126, dan l-*overpayment* inħoloq minħabba li l-konvenuta kienet qiegħda tipperċepixxi minn Għajnuna Soċjali fil-perjofdu bejn it-8 ta' Ġunju 2009 u s-6 ta' Lulju 2012 filwaqt li kienet tinsab f'impjieg fuq bażi *full-time*.
[26] Fol. 64.
[27] Fol. 65.
[28] Fol. 71.
[29] Fol. 72.
[30] Fol. 73.
[31] Fol. 74, 75.
[32] Fol. 76.
[33] Fol. 77.
[34] Fol. 78.
[35] Fol. 79.
[36] Fol. 80.

€762.60,[37] għal Ġunju 2020 fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,294.03,[38] għal Lulju 2020 fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,138.65,[39] għal Awwissu 2020 fejn id-dħul nett kien dak ta' 1,106.93,[40] għal Settembru 2020 fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,228.81,[41] għal Ottubru 2020 id-dħul nett kien dak ta' €1,138.65;[42]

## 3. Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mresqa Minnha:

Fl-affidavit tagħha,[43] il-konvenuta spjegat illi l-partijiet iżżewġu nhar id-9 ta' April 1989, minn liema żwieġ kellhom tlett (3) itfal. Konsegwentament isseparaw permezz ta' sentenza ġudizzjarja datata 24 ta' Frar 2005, fejn l-attur ġie ordnat iħallas manteniment ta' Lm80 għal martu u Lm170 għal uliedhom, fejn il-Qorti kienet ċara illi tali manteniment ma għandux ikun varjat f'każ illi l-konvenuta taħdem fuq bażi *part-time* jew *full-time*.

Il-konvenuta tisħaq illi l-affidavit tal-attur jikkontjeni ċertu allegazzjonijiet li ma għandhomx mis-sewwa. Madanakollu tikkonferma illi kienet iżżomm l-istudenti sabiex b'dak l-introjtu ulterjuri tkun tista' tmur żżur lil binha Londra, u fil-fatt iddeċediet li tibda żżomm l-istudenti għaliex il-mezzi tagħhha kienu limitati tant li ma kellix mod kif tmur tara lil binha barra minn xtutna. Għalhekk tali introjtu ma jistgħax jiġi meqjus bħala xi lussu, iżda bħala bżonn. Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tisħaq illi ma temminx li l-attur għandu *loan* xi jħallas għaliex skontha il-banek jikkalkulaw illi meta jingħata *loan* dan jitħallas qabel ma' persuna tirtira mix-xogħol bl-eta'. Tgħid illi hija koxxenti tal-fatt illi l-attur iħallas ċertu affarijiet li huma kkunsidrati bħala *extra* u meqjusa bħala *disposable income*, u tagħti numru ta' eżempji bħal: (i) *membership* annwali n-*Naptunes Waterpolo Club*, kif ukoll *seasonal ticket* għal *sunbed*, (ii) mar Sqallija sabiex iġib kelb, (iii) xtara karozza madwar sentejn ilu. Magħdud ma' dan tgħid illi jekk l-ispejjeż ta' kuljum qed jogħolew għall-attur, dan japplika għaliha ukoll hekk kif tispjega illi hija tgħaddi bl-eżatt bl-introjtu li għandha u f'każ li jinqala' xi ħaġa jkollha bżonn titlob l-għajnuna finanzjarja ta' familtha.

---

[37] Fol. 81.
[38] Fol. 82.
[39] Fol. 83.
[40] Fol. 84.
[41] Fol. 85.
[42] Fol. 86.
[43] Fol. 130.

Fl-affidavit tagħha, il-konvenuta tagħti rendikont tal-ispejjeż mensili tagħha, u ċjoe': (i) *loan* tal-karozza fl-ammont ta' €165,[44] (ii) spejjeż ta' telefon, television u internet fl-ammont ta' €60,[45] (iii) dawl u ilma fl-ammont ta' €45,[46] (iv) spejjeż tal-*condominium* fl-ammont ta' €66.66,[47] (v) liċenzja u assigurazzjoni tal-karozza fl-ammont ta' €45.83,[48] (vi) *fuel* fl-ammont ta' €70, (vii) *loan* tal-kamra tas-sodda fl-ammont ta' €67,[49] (viii) ikel fl-ammont ta' €300, (ix) affarijiet *extra* fl-ammont ta' €25, (x) spejjeż tal-*mobile* fl-ammont ta' €60,[50] (xi) *personal items* fl-ammont ta' €25, (xii) *refund* lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali fl-ammont ta' €50, u (xiii) *refund* lil oħtha fl-ammont ta' €50, li flimkien jammontaw għal €1,079.49.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, il-konvenuta resqet is-segwenti provi:

a. *Affidavit ta' J K L, ossija ħabiba tal-partijiet, debitament maħluf nhar l-24 ta' Mejju 2021 u ppreżentat il-25 ta' Mejju 2021*,[51] li tikkonferma li nhar is-6 ta' Ottubru 2018 kienet attendiet quddiesa taż-żwieġ ġewwa s-Siġġiewi, fejn rat lill-attur bħala xuffier;

b. *Affidavit ta' Me N O, ossija bħala oħt il-konvenuta, debitament maħluf nhar l-24 ta' Mejju 2021 u ppreżentat il-25 ta' Mejju 2021*,[52] li kkonfermat li meta oħtha kelha diffikulta' finanzjarja hija selfieta s-somma ta' €650 li intużaw sabiex tbiddel il-bieb tal-appartament, u li l-konvenuta qiegħda tħallas lura tali somma permezz ta' €50 fix-xahar;

c. *Ix-xhieda ta' A C*,[53] jispjega illi:

   (i) Meta qal li l-ħajja għoliet dan ried ifisser l-oġġetti ta' kuljum għolew inkluż id-dawl u ilma;
   (ii) Il-*home loan* jgħid li dan ittiehed mal-HSBC Bank Malta plc, u li ser jispiċċa fl-2022 u li meta ffirma l-kuntratt ma ndunax li kellu jibqa' jħallas sakemm ikollu l-eta' ta' 65 sena;

---

[44] Fol. 132, kopja tas-*Sanction Letter* maħruġa mill-Bank of Valletta plc datata 31 ta' Lulu 2017, li turi li l-ħlas tal-*loan* fix-xahar huwa ta' €162.86.
[45] Fol. 141 – 142.
[46] Fol. 143.
[47] Fol. 144 – 145.
[48] Fol. 146.
[49] Fol. 147
[50] Fol. 148 – 151.
[51] Fol. 152.
[52] Fol. 153.
[53] Fol. 156.

(iii) Il-garaxx li jikri jgħid illi dan il-garaxx kellu jikrih għaliex id-dar żgħira, liema kirja tiġi mġedda kull sena u li l-kirja tiegħu telgħat għal €1,100 fis-sena;

(iv) L-assigurazzjoni tal-karozza hija mal-Atlas Insurace u hija *fully comprehensive*;

(v) Jikkonferma li reġa' beda jaħdem bħala *driver* ma' Percius, billi jaħdem meta ma jkunx hemm niex biżżejjed biex jaħdmu ta' xuffiera u l-introjtu tiegħu ivarja u jiddependi skont kemm idumu t-tiġijiet;

(vi) Jgħid li biddel il-vettura li kellu minn Fiat Punto għal Peugeot 207, liema vettura inxtrat għaliex ħa somma mix-xogħol ta' €4,000 skont ftehim li kien mal-*Union*;

(vii) Bħalissa qed isselfu flus oħtu għaliex ma jistgħax ilaħħaq mal-ispejjeż;

(viii) Jikkonferma li għandu *subscription* ma' Neptunes Waterpolo Club u jħallas €165 bin-nifs.[54]

d. *Ix-xhieda ta' Alexander Fenech, ossija rappreżentant ta' Percius Car Hire*,[55] fejn ġie kkonfermat li l-attur jaħdem ma' din il-kumpanija bħala *casual driver*, u ċjoe' meta jkollhom bżonn xuffier jitolbuh imur. Jingħad li l-attur ġie reġistrat f'Ottubru 2018 li seta' jadem bħala *casual driver*, u sussegwentament reġa' ġie reġistrat f'Settembru 2020, fejn jitħallas bir-rata ta' €5 kull rotta normali u €20 għal rotta ta' tieġ. Għal tali fini, ix-xhud ippreżenta FS3 tal-konvenut għas-sena bażi 2019 fejn irriżulta li l-kovenut kellu introjtu gross ta' €100;[56]

e. *Ix-xhieda ta' Karen Cremona in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[57] li ddikjarat li l-konvenut fil-preżent għandu żewġ (2) vetturi reġistrati fuq ismu,[58] filwaqt li fil-passat kellu sitt (6) karozzi.[59]

## 4. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka l-prinċipji legali li huma relevanti għal każ

[54] Fol. 163.
[55] Fol. 160.
[56] Fol. 175a.
[57] Fol. 162.
[58] Fol. 164, vettura tat-tip Peugeot 207 bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG-234, u Renault Megane bin-numru ta' reġistrazzjoni BCF-284 li *scrapped*.
[59] Fol. 169 – 175.

odjern. Mit-trattazzjoni tal-partijiet jidher illi l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq Artikolu 21, 22 u 54(9) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tara li hawnhekk non si tratta varjazzjoni ta' manteniment miftiehem *ex contractu*, iżda hawnhekk qed jintalab it-twaqqif jew it-tibdil fl-ammont ta' manteniment *ex lege* u ċjoe' kif ordnat permezz ta' sentenza tal-Qorti. Fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Grech vs Pauline Grech**,[60] ġie ribadit illi: *"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. (...) Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."*

Stabbilit il-premess, il-Qorti ser tgħaddi harsitha lejn is-sentenza fl-ismijiet **John Carbonaro vs Mary Anne Carbonaro**,[61] fejn kienet rinfaċċjata b'talba għal varjazzjoni ta' manteniment kif ordnat mill-Qorti, u konegwentament saħqet illi:

*"Illi fic-cirkostanzi ghandu xorta jibqa' japplika dak provdut fl-artikolu 2 tal-Kap 16 riportat fis-sentenza ta' bejn listess partijiet fl-ismijiet "Mary Anne Carbonaro vs John Carbonaro" (Citaz. Numru 1184/95/VDG) deciza fid-19 ta' Dicembru 1995, li jipprovdi li:-*

*"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja".*

*Ili ma dan jirreferi ghal dak li jipprovdi l-artikolu 20 tal-Kap 16 partikolarment is-subartikoli hawn citati u cjoe`:-*

*"(1) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min jaghtih".*

---

[60] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' April 2004.
[61] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Jannar 2003, bir-rikors numru 219/2000/1 RCP (mhux appellata).

*"(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qliegh tieghu mixxoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u ta' utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli".*

*Illi huwa wkoll ovvju li sabiex tirnexxi t-talba attrici, l-attur irid jipprova dak li hemm provdut fl-artikolu 21 tal-Kap 16, li huwa ma jistax aktar jaghti dak il-manteniment jew parti minnu, u li jwassal ghall-konsegwenti tnaqqis jew eliminazzjoni tal-istess somma ffissata, jew bi ftehim jew b'sentenza tal-Qorti (...)".*

Għalhekk, dak li jrid jipprova l-attur sabiex l-azzjoni tiegħu tirnexxi hija proprju illi huwa jinsab fl-impossibilita' li jkompli jissomministra tali manteniment, u mhux sempliċiment jinsab fid-diffikulta' li jagħmel dan.

Għal kull buon fini, il-Qorti tara Artikolu 21, 22 u 54(9) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipulaw is-segwenti:

*"21. (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ.*

*(2) Dan igħodd ukoll jekk il-bżonn ta' min ikun jirċievi l-manteniment jispiċċa għal kollox jew f'parti."*

*"22. (1) Min ikun ta l-manteniment m'għandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiċċat ir-raġunili għaliha kien obbligat għall-manteniment.*

*(2) Ma tistax lanqas il-persuna li lilha kellu jingħata l-manteniment titlob mingħand id-debitur li jkun sar jista' jagħti dakil-manteniment, is-somma tal-manteniment għaż-żmien li fih l-istess debitur ma kienx tah minħabba nuqqas ta' mezzi*

*"54. (9) (9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-partiresponsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra,il-qorti tista', fuq it-talba ta'*

*kull waħda mill-partijiet, tordna li dakil-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ. Iżda, meta tkuntħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjetà b'sodisfazzjontotali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbiltà kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieniparti tieqaf. Iżda meta s-somma globali tkun tħallset jew il-proprjetà tkun ingħatat bħala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-qorti għandha, meta tordna l-ħlas tas-somma globali jew l-għoti tal-proprjetà, fl-istess ħin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment li tkunhekk sodisfatta u kull tibdil li jiġri wara għandu f'dan il-każ ikunjapplika biss għal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon għaliha".*

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern:

Fil-każ odjern, mill-provi prodotti jirriżulta illi il-partijiet huma separati minn xulxin permezz ta' sentenza ġudizzjarja u dan sa mill-24 ta' Frar 2005. Matul dan iż-żmien kollu, l-attur kien obbligat li jissomministra s-somma ta' Lm80 (ekwivalenti għal €186.35) bħala manteniment għal martu, kif ukoll Lm170 (ekwivalenti għal €395.99) bħala manteniment għal uliedu, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Il-pern tal-kwistjoni in eżami hija l-manteniment ta' Lm80 versu l-konvenuta, stante li l-manteniment l-ieħor ta' Lm170 jidher li ma għadux jiġi ssomministrat hekk kif ulied il-partijiet huma ormai maġġorenni u indipendenti.

Jirriżulta illi wara tali sentenza, l-attur wasal għall-eta' tal-irtirar, u l-pensjoni li jipperċepixxi bħala somma hija inferjuri għal dik li kien jipperċepixxi mid-dħul tiegħu li kellu fiż-żmien meta kien għadu jaħdem fuq bażi *full-time* ma' Motors Inc. Limited – hekk kif il-pensjoni flimkien mal-*bonuses* (skont il-provi mresqa għas-sena 2020 mir-rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u għalhekk fl-preżent tali pensjoni hija indubjament iktar għolja) tammonta għal €1,064.36 kull erba' (4) ġimgħat, filwaqt li paga kif allegat minnu mingħajr *bonuses* (stante li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova ta' dan) kienet ta' madwar €1,230.77 kull erba' (4) ġimgħat.[62] Magħdud ma' dan, fil-preżent l-attur jidher li jinsab ingaġġjat bħala *casual driver* ma' Percius, fejn dan ma għandu l-ebda ħinijiet fissi iżda jiġi biss mgħajjat għax-xogħol meta jkun hemm il-bżonn.

[62] Il-Qorti waslet għal din is-somma billi ddividiet €16,000 b'52 ġimgħa, li twassal għas-somma ta' €307.70 u konsegwentament immultiplikat tali somma għal 4 ġimgħat – b'hekk il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tikkompara s-somma riżultanti rappreżentanti l-introjtu li kellu qabel l-attur għal perjodu ta' 4 ġimgħat mal-pensjoni pperċepita fil-preżent mħallsa lilu kull 4 ġimgħat mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.

Tenut kont tal-premess, tal-ispejjeż li l-konvenut semma' li għandu, u skont il-kalkoli tal-Qorti, jirriżulta illi fil-preżent l-attur: (i) wara li jitnaqsu l-ispejjeż mensili li ma ġewx minimament ippruvati, u (ii) mingħajr mal-Qorti tieħu konjizzjoni ta' dak li l-attur idaħħal mix-xogħol ma' *Percius*, bejn wieħed u ieħor jifdallu f'idejh is-somma ta' **€258.83**. Il-Qorti waslet għal din is-somma billi mis-somma ta' €1,064.36 naqset: (i) €186.35 manteniment għal konvenuta, (ii) €60 spejjeż ta' television u telefon, (iii) €40 spejjeż ta' dawl u ilma, (iv) €83.33 kirja ta' garaxx, (v) 45.85 assigurazzjoni u liċenzja tal-karozza, (vi) €60 *fuel*, (vii) €300 ikel, (viii) €30 affarijiet ta' manutenzjoni tad-dar, li flimkien jammontaw għal €805.53. Il-Qorti ma ħadietx in konsiderazzjoni tal-*home loan* kif ukoll tal-assigurazzjoni tal-*home loan* għaliex skont ix-xhieda tal-attur innifsu din il-*loan* kellha titħallas kollha sal-2022. **Għaldaqstant, jidher illi fis-sena wara li jitnaqqsu l-ispejjeż kollha, l-attur jifdallu f'idejh minn tal-inqas madwar €3,400**.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta wara l-għoti tas-sentenza tas-separazzjoni, jidher li kienet għamlet żmien tipperċepixxi mill-Għajnuna Soċjali, kienet taħdem bħala *babysitter*, u issa bħala *receptionist* ma' I Dental Clinic fejn skont l-aħħar *payslip* u ċjoe' Ottubru 2020 hija għandha introjtu ta' madwar €1,200 kull xahar u dan apparti l-manteniment vversat minn żewġha kull xahar. Magħdud ma' dan, jidher ukoll li matul iż-żmien il-konvenuta kellha negozju għal rasha fejn iżżomm l-istudenti magħha. Pero' l-Qorti tara illi s-sentenza tas-separazzjoni personali tistipula b'mod ċar illi l-manteniment ma għandux jiġi tterminat f'każ li l-konvenuta tkun qiegħda taħdem fuq bażi *full/part-time*. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll li mill-provi fil-preżent ma rriżultax illi l-konvenuta għandha xi introjtu ieħor għajr għal dak pperċepit minn min qed iħaddimha u ċjoe' I Dental Clinic u għandha numru ta' spejjeż li l-maġġor parti ġew ikkorraborati, liema spejjeż jammontaw għal €1,079.49. Tinnota ukoll illi l-konvenuta fil-preżent għandha 60 sena u għalhekk qiegħda bil-mod il-mod tersaq lejn l-eta' tal-irtirar ukoll.

In vista tal-premess, il-Qorti tara li l-partijiet bejn wieħed u ieħor għandhom l-istess ammont ta' introjtu. It-tnejn għandhom numru ta' spejjeż tad-dar fejn jirrisjedu u għall-ħajja ta' kuljum, kif ukoll xi kirjiet jew ħlas ta' self pendenti. Għalhekk il-Qorti ma tarax li l-allegazzjoni tal-attur ġiet ippruvata u ċjoe' illi *"il-mezzi tal-konvenuta tjiebu u l-bżonnijiet tagħha ċkienu"* għaliex fil-verita' jidher li l-konvenuta qed taqla' l-għixien tagħha ta' kuljum sabiex tgħajjex lilha nnifisha

u l-introjtu tagħha kien dejjem normali, iżda ma ġietx ippruvata illi l-bżonnijiet tagħha ċkienu. Jekk xejn il-Qorti tara li tali, wisq xejn għandhom relevanza stante li fis-sentenza tas-separazzjoni personali ma hemm xejn imniżżel dwar kemm *se mai* għandha ddaħħal introjtu l-konvenuta jew inkella x'għandhom ikunu l-bżonnijiet tagħha sabiex tkompli tipperċepixxi manteniment minngħand l-attur. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li l-attur ma jisħaqx li jinsab fl-impossibilita' li jivversa tali manteniment iżda li qiegħed fid-diffikulta' li jagħmlu. Madanakollu l-Qorti lanqas ma taqbel mal-konvenut illi qed isib id-diffikulta' sabiex ileħħaq finanzjarjament kull xahar, tant li ma jaffordjax jagħmel btala,[63] u dan abbażi żewġ binarji: (i) *in primis, dato ma non concesso* illi l-attur verament kellu *house loan*, kien tort tiegħu li huwa ffirma għal tali self mal-bank u ssottometta ruħu li jħallas dan il-*loan* sa 65 sena meta kien konsapevoli li huwa kien ser jirtira mix-xogħol ta' 63 sena, u (ii) fil-preżent tenut kont li dan il-*loan* ma għadux ta' obbligu mensili, issa l-attur għandu iktar flus f'idejh li żgur mhux forsi jistgħu jgħinuh jgħix iktar komdu u forsi għaliex le imur għal btala żgħira mingħajr ma jieqaf jonora l-obbligu tiegħu li jħallas il-manteniment lill-konvenuta kull xahar kif stipulat fis-sentenza ta' firda personali.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tasal għal konklużjoni li l-introjtu tal-partijiet huwa limitat. Madanakollu, abbażi tas-sitwazzjoni odjerna il-Qorti tara li l-attur ma rnexxielux jipprova dak provdut fil-liġi nostrana, u ċjoe' li huwa ma jistgħax aktar iħallas il-manteniment kif stipulat jew parti minnu, u li għalhekk hemm lok għal tnaqqis jew addirittura twaqqif tal-istess manteniment. Għalhekk il-Qorti ma hijiex tal-fehma li t-talbiet tal-attur għandhom jintlaqgħu għaliex ma rriżultax li s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu giet effettwata b'mod negattiv u wisq anqas il-livell ta' għixien tieghu, hekk kif il-Qorti hija konvinta li wara li jiġu mnaqqsa l-ispejjeż kollha inkluż il-manteniment għall-konvenuta, l-attur xorta waħda jifdallu ammont ta' flus f'idejh. Għalhekk il-Qorti ma tarax li hemm lok sabiex twaqqaf tali manteniment, jew *se mai* tnaqqas l-istess ai termini tad-disposizzjonijiet tal-liġi kif stipulate fil-Kodiċi Ċivili, iżda tara li għandu jibqa' ta' Lm80 jew €187 fix-xahar.

**DEĊIDE:**

[63] Fol.50.

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta u konsegwentament tgħaddi sabiex tiċħad *in toto* t-talbiet kollha tal-attur.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sapportati kollha mill-attur.